Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 1 ta' Ottubru 2025**
**(OR. en)**

**13457/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0310 (NLE)**

**CCG 35**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 1 ta' Ottubru 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Proposta għal<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL<br>dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili dwar il-klassifikazzjoni tar-riskju tad-debitur fi tranżazzjonijiet *de minimis* li jinvolvu inġenji tal-ajru agrikoli |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 582 final.

Mehmuż: COM(2025) 582 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.10.2025
COM(2025) 582 final

2025/0310 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili dwar il-klassifikazzjoni tar-riskju tad-debitur fi tranżazzjonijiet *de minimis* li jinvolvu inġenji tal-ajru agrikoli**

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tal-klassifikazzjoni tar-riskju tad-debitur fi tranżazzjonijiet ta' valur tal-kuntratt tal-esportazzjoni ta' inqas minn USD 5 miljun (tranżazzjonijiet *de minimis*) li jinvolvu inġenji tal-ajru agrikoli skont il-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili ("Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru" jew "FSIA") fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati ("l-Arranġament").

Din il-proposta tissuġġerixxi emenda għar-regoli stabbiliti fl-FSIA rigward id-determinazzjoni tal-ipprezzar ta' appoġġ uffiċjali għal tranżazzjoni soġġetta għall-FSIA, b'mod partikolari l-proċeduri ta' klassifikazzjoni tar-riskju tad-debitur. L-FSIA jistipula li l-Parteċipanti fil-FSIA jridu, qabel kwalunkwe użu ta' klassifikazzjoni tar-riskju alternattiva jew ġdida tad-debituri, jitolbu aġġornament tal-lista tal-klassifikazzjonijiet tar-riskju tad-debituri. Minħabba piż amministrattiv sinifikanti li jġib miegħu dan ir-rekwiżit, fit-30 ta' Lulju 2025 is-Segretarjat tal-OECD ippropona li jiġi emendat l-FSIA billi jiġu esklużi tranżazzjonijiet *de minimis* li jinvolvu inġenji tal-ajru agrikoli mill-proċess ta' klassifikazzjoni tar-riskju tad-debitur. Din il-proposta tissuġġerixxi li tiġi aċċettata dik l-emenda proposta.

## 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 2.1. L-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati

L-Arranġament huwa ftehim informali bejn l-Unjoni, l-Istati Uniti, il-Kanada, il-Ġappun, il-Korea, in-Norveġja, l-Iżvizzera, l-Awstralja, New Zealand, it-Turkija u r-Renju Unit (il-"Parteċipanti"), li għandu l-għan jipprovdi qafas għall-użu ordnat ta' krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati. Fil-prattika, dan ifisser li jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni (li permezz tagħhom il-kompetizzjoni tkun ibbażata fuq il-prezz u l-kwalità tal-prodotti u s-servizzi esportati u mhux fuq it-termini finanzjarji offruti) u ħidma biex jiġu eliminati s-sussidji u d-distorsjonijiet kummerċjali relatati ma' krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati. L-Arranġament daħal fis-seħħ f'April 1978 u huwa għal żmien indeterminat. L-Arranġament huwa inkorporat amministrattivament fl-OECD, u jirċievi appoġġ mis-Segretarjat tal-OECD, iżda mhuwiex Att tal-OECD[1].

Uħud mir-regoli stabbiliti fl-Arranġament huma speċifiċi għas-settur u dettaljati fl-annessi settorjali tal-Arranġament imsejħa Ftehimiet Settorjali. L-FSIA jifforma parti mill-Anness III tal-Arranġament u għandu l-għan li jipprovdi qafas għall-użu prevedibbli, konsistenti u trasparenti tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati għall-bejgħ jew il-lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru u prodotti u servizzi relatati oħrajn speċifikati fl-Artikolu 4(a) tal-FSIA. L-FSIA jfittex li jrawwem kundizzjonijiet ekwi għal tali krediti għall-esportazzjoni. L-FSIA daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2011.

Kemm l-Arranġament kif ukoll l-FSIA ġew trasposti, u għalhekk saru legalment vinkolanti fl-Unjoni bis-saħħa tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011[2]. Reviżjonijiet tal-patti u l-kundizzjonijiet tal-Arranġament huma inkorporati fid-dritt tal-UE permezz ta' Atti Delegati skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

---

[1] Kif definit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tal-OECD.

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45).

### 2.2. Il-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru u t-teħid tad-deċiżjonijiet

L-FSIA għandu 11-il Parteċipant ("Parteċipanti tal-FSIA"), li huma l-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, l-Unjoni, il-Ġappun, il-Korea, New Zealand, in-Norveġja, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti[3].

Il-Kummissjoni Ewropea tirrappreżenta lill-Unjoni fil-laqgħat tal-Parteċipanti tal-FSIA, kif ukoll fil-proċeduri bil-miktub għat-teħid ta' deċiżjonijiet mill-Parteċipanti tal-FSIA. Id-deċiżjonijiet kollha dwar l-emendi tal-Arranġament jittieħdu b'kunsens.

### 2.3. L-att previst tal-Parteċipanti tal-FSIA

L-att previst għandu l-għan li jemenda l-proċeduri tal-klassifikazzjoni tar-riskji kif stabbilit fit-Taqsima 1 tal-Appendiċi II tal-FSIA. L-Appendiċi II jistabbilixxi l-proċeduri li għandhom jintużaw meta jiġi stabbilit l-ipprezzar tal-appoġġ uffiċjali għal tranżazzjoni soġġetta għall-FSIA. It-Taqsima 1 tistabbilixxi l-proċeduri ta' klassifikazzjoni tar-riskji.

Il-parteċipanti tal-FSIA qablu dwar lista ta' klassifikazzjonijiet tar-riskju għad-debituri. Klassifikazzjonijiet tar-riskju bħal dawn jirriflettu l-klassifikazzjoni tal-kreditu superjuri mhux iggarantita tad-debituri bl-użu ta' skala ta' klassifikazzjoni komuni bħal dik tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.

L-Appendiċi II, it-Taqsima 1.II tal-FSIA jistipula li kwalunkwe Parteċipant fil-FSIA għandu, qabel kwalunkwe użu ta' klassifikazzjoni tar-riskju alternattiva jew ġdida, jibgħat talba lis-Segretarjat tal-OECD għall-aġġornament tal-lista ta' klassifikazzjonijiet tar-riskju abbażi ta' klassifikazzjoni tar-riskji alternattiva jew ġdida. Dan b'mod ġenerali wera li huwa ta' piż amministrattiv.

Skont ir-regoli attwali, il-Parteċipanti tal-FSIA fi tranżazzjonijiet *de minimis* jistgħu jevitaw l-aġġornament tal-lista tal-klassifikazzjoni tar-riskji billi jassenjaw lid-debitur il-klassifikazzjoni tar-riskji "8". Din l-għażla, madankollu, tidher stretta żżejjed.

F'dak is-sens, is-Segretarjat tal-OECD bagħat lill-Parteċipanti tal-FSIA fit-30 ta' Lulju 2025 proposta għall-approvazzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub sat-3 ta' Novembru 2025 biex jiġi emendat it-test tal-FSIA u tiġi pprovduta aktar flessibbiltà fir-rigward tal-proċess ta' klassifikazzjoni tad-debitur fi tranżazzjonijiet *de minimis* li jinvolvu inġenji tal-ajru agrikoli, li jirrappreżentaw 89 % tat-tranżazzjonijiet *de minimis* kollha impenjati bejn l-2011 u l-2023. Din il-proposta tissuġġerixxi li għal tali tranżazzjonijiet, il-Parteċipanti tal-FSIA ma jkollhomx għalfejn jitolbu aġġornament tal-lista ta' klassifikazzjonijiet tar-riskju, iżda jkunu liberi li japplikaw il-klassifikazzjoni li jqisu xierqa mingħajr ma jkollhom għalfejn jassenjaw klassi ta' riskju stretta żżejjed ta' "8" lid-debitur.

## 3. Pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni

Il-proċess tal-klassifikazzjoni tar-riskji jeħtieġ ammont sinifikanti ta' żmien tas-Segretarjat tal-OECD. Huwa wkoll ta' piż amministrattiv għall-Parteċipanti tal-FSIA. Barra minn hekk, ta' min jinnota li aktar minn 99,9 % tal-proposti *de minimis* ippreżentati mill-2011 ġew aċċettati mingħajr kontestazzjoni.

[3] Il-parteċipazzjoni hija fil-biċċa l-kbira l-istess bħal fl-Arranġament, b'differenza li l-Brażil huwa Parteċipant tal-FSIA iżda mhux Parteċipant fl-Arranġament, filwaqt li t-Turkija ma tipparteċipax fil-FSIA għalkemm hija Parteċipant tal-Arranġament.

Minħabba dan, l-UE tappoġġa l-proposta biex jiġi emendat l-FSIA billi jiġi ssimplifikat il-proċess ta' klassifikazzjoni tar-riskju għal tranżazzjonijiet *de minimis* li jinvolvu inġenji tal-ajru agrikoli.

Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Unjoni tappoġġa fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti tal-FSIA l-proposta li jiġu esklużi tranżazzjonijiet *de minimis* li jinvolvu inġenji tal-ajru agrikoli mill-proċess ta' klassifikazzjoni tar-riskju tad-debitur, f'konformità mal-Anness ta' din il-proposta.

## 4. BAŻI LEGALI

### 4.1. Bażi legali proċedurali

#### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni"[4].

#### *4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-att previst jista' jinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, l-aktar ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE. Dak minħabba l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, li jiddikjara li "[i]l-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 3 biex temenda l-Anness II bħala riżultat ta' emendi għal-linji gwida miftiehma mill-Parteċipanti għall-Arranġament". Dak jinkludi modifiki fl-annessi tal-Arranġament.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

### 4.2. Bażi legali sostantiva

#### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni dwaru. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

#### *4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-krediti għall-esportazzjoni, li huwa fl-ambitu tal-politika kummerċjali komuni. Għaldaqstant, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 TFUE.

4 Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 61 sa 64.

### 4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

2025/0310 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili dwar il-klassifikazzjoni tar-riskju tad-debitur fi tranżazzjonijiet *de minimis* li jinvolvu inġenji tal-ajru agrikoli

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-linji gwida li jinsabu fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati (l-"Arranġament"), inkluż il-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili ("il-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru, ASU", Aircraft Sector Understanding) li jinsabu fl-Anness III tal-Arranġament, ġew trasposti, u għalhekk saru legalment vinkolanti fl-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

(2) Id-Deċiżjoni prevista dwar emenda għall-FSIA għandha l-għan li teskludi tranżazzjonijiet b'valur tal-kuntratt ta' esportazzjoni ta' inqas minn USD 5 miljun (tranżazzjonijiet *de minimis*) li jinvolvu inġenji tal-ajru agrikoli mill-proċess ta' klassifikazzjoni tar-riskju tad-debitur skont l-Appendiċi II, it-Taqsima 1 tal-FSIA. Dan għandu jnaqqas il-piż amministrattiv għall-Parteċipanti tal-FSIA u jissimplifika l-klassifikazzjoni tar-riskju tad-debitur.

(3) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub tal-Parteċipanti tal-FSIA, peress li d-deċiżjoni kkonċernata ser tkun vinkolanti fuq l-Unjoni u tista' tinfluwenza b'mod determinanti l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, bis-saħħa tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għandha tkun li tappoġġa deċiżjoni tal-Parteċipanti tal-FSIA rigward l-emenda għall-FSIA bl-għan li jiġu esklużi t-tranżazzjonijiet *de minimis* li jinvolvu inġenji tal-ajru agrikoli mill-proċess ta' klassifikazzjoni tar-riskju tad-debitur, f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

5 Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45) (ir-"Regolament (UE) Nru 1233/2011").

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*